

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa”

COM(2008) 821 finali

(2010/C 128/21)

Relatur: **is-Sur KAPUVÁRI**

Nhar id-9 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa

COM(2008) 821 finali.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta' Settembru 2009.

Matul l-475 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fl-4 u l-5 ta' Novembru 2009 (seduta tal-5 ta' Novembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'75 vot favur, 5 voti kontra u 3 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-ħidma sabiex titjeb il-katina tal-provvista tal-ikel u biex din issir aktar effiċjenti u kompetittiva m'għandhiex timmira li jinkisbu prezzijiet baxxi tal-ikel. Jekk isir dan, il-katina tal-ikel ser tibqa' sejra fid-direzzjoni l-ħażina, kif qed jiġri fil-preżent. Għandna niżguraw li l-proporzjon tal-prezz skont il-valur jibqa' flivell realistiku. L-antiċipazzjoni tal-prezzijiet baxxi fil-katina tal-produzzjoni fl-aħħar mill-aħħar tillimita l-kapaċità għall-investiment u l-innovazzjoni tal-fornituri tal-ikel agroalimentari kif ukoll tal-għażla tal-konsumaturi, u l-Kummissjoni għandha tikkunsidra dawn il-fatturi u l-effetti sekondarji tagħhom fuq medda twila u medja ta' żmien u tiegħi milli tiffoka biss fuq il-benefiċċji immedjati ta' prezzijiet baxxi. Ma jkunx għust li niddikjaraw li prezzijiet baxxi tal-ikel huma fl-interess tal-konsumaturi; anzi, il-konsumaturi jibbenefikaw minn prezzijiet realistiki li jiżguraw il-kwalità, il-kwantità u s-servizz mistenni minnhom. Madankollu, ikun adegwat approċċ li għandu l-għan li jnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet, li jippermetti aktar kredibilità u tbassir fil-katina tal-provvista tal-ikel.

1.2. L-Unjoni Ewropea għandha l-interess li tiżgura li, fuq medda twila ta' żmien, il-konsumaturi jgawdu mill-benefiċċji ta' prodotti siguri tal-ikel. Sabiex dan iseħħ huwa meħtieġ livell għoli ta' awtosuffiċjenza. Fl-istess ħin, l-agricoltura sostenibbli tista' tiġi żgurata biss permezz ta' rċerka u żvilupp, innovazzjoni, u żvilupp teknoloġiku, u biex iseħħ dan, ir-riżorsi tal-PAK huma essenzjali. Madankollu, l-aċċess għal dawn ir-riżorsi għandu jiġi organizzat b'tali mod li jħeġġeġ l-adattament għall-kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li jkun obligatorju li tiġi pprovduta informazzjoni u jkun hemm kooperazzjoni, u l-kwistjonijiet ta' żvilupp rurali għandhom jiġu meqjusa fid-dettall.

1.3. Il-kamp ta' applikazzjoni tista' titwessa' biss jekk issir konsultazzjoni soċjali fuq l-aktar bażi wiesgħa possibbli. Għandhom isiru eżaminazzjonijiet dwar l-isfond, jifassal pjan ta' azzjoni preċiż, u jiġu definiti b'mod ċar il-kompetenzi u

r-responsabbiltajiet għal kull wieħed mill-oqsma li għandha tittieħed azzjoni fihom. Dan huwa kollu essenzjali, peress li kwalunkwe miżura relatata mal-prezzijiet tal-ikel taffettwa azzjoni reċiproka kumplessa ta' fatturi. L-ikel huwa l-forza prinċipali li żżomm is-soċjetà magħquda; l-ikel huwa ta' importanza strateġika, u ta' fiduċja konsiderevoli għall-konsumatur. Minħabba dan, il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni għandhom jiġu organizzati b'tali mod li ma jheddux is-sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien.

1.4. Mhuwiex possibbli li jiġu limitati l-investimenti f'komoditajiet bażiċi, li s-soltu jseħħu permezz tal-Boroż. Madankollu, għandu jinstab mod kif jistgħu jitnaqqsu l-effetti ta' fatturi li ma jirriflettux id-domanda vera, peress li dawn iħarbtu l-katina tal-provvista tal-prodotti agricoli. Għalkemm l-UE hija konxja mir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tal-provvisti tal-ikel lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, m'għandhiex tinsa li l-kompitu ewlieni tagħha huwa li tiżgura l-provvisti għaċ-ċittadini tagħha ta' firxa sħiħa ta' prodotti siguri tal-ikel, billi tnaqqas id-dipendenza fuq is-swieq dinjija, u billi tippreserva l-awtonomija.

1.5. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva li jitwaqqaf **Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agroalimentari** li twaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2008 (2008/359/EC). Il-KESE ħerqan biex jara r-riżultati tal-ħidma ta' dan il-Grupp ta' Livell Għoli. Wieħed mill-iktar għanijiet importanti tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli għandu jkun li tinkiseb kemm jista' jkun stabbiltà tas-swieq tal-ikel agroalimentari.

2. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1. Minħabba ż-żidiet mgħaġġla fil-prezzijiet tal-prodotti agricoli fit-tieni nofs tal-2007, il-prezzijiet tal-ikel bl-imnut ukoll żdiedu b'mod sinifikanti. Il-Kummissjoni wiegħbet għal dan bil-Komunikazzjoni tagħha “Nindirizzaw l-isfidi taż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-ikel – Direzzjonijiet għall-azzjoni tal-UE” (COM(2008) 321 finali).

2.2. Il-Kummissjoni temmen li dan l-objettiv jista' jinkiseb billi jiġu identifikati u solvuti l-problemi regolatorji u dawk relatati mal-kompetizzjoni fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel. Il-Komunikazzjoni, magħmula minn ħames kapitoli, tana-lizza s-sitwazzjoni u tirrakkomanda miżuri biex jiġu solvuti l-problemi.

2.3. Skont il-Komunikazzjoni, prezzijiet ogħla tal-komoditajiet agrikoli rriżultaw minn taħlita ta' fatturi strutturali u temporanji. Il-fatturi strutturali, bħalma huma ż-żieda fil-popolazzjoni globali, iż-żieda fil-pagi fl-ekonomiji emerġenti u l-iżvilupp ta' swieq ġodda, saħħew id-domanda dinjija.

2.4. "Minn Awwissu 2007 sa Lulju 2008 l-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-ikel (minbarra l-alkoħol u t-tabakk) kienet tirrappreżenta madwar 1,0 punt perċentwali (pp.) tal-inflazzjoni totali." It-tendenzi tal-prezzijiet kienu kkaratterizzati, fost oħrajn, minn differenzi bejn iż-żidiet fil-prezzijiet ta' ikel ipproċessat u ikel mhux ipproċessat, minħabba l-effett ta' "kompożizzjoni".

2.5. Il-Kummissjoni qed tbassar li l-inflazzjoni tal-prezz tal-ikel u l-kontribuzzjoni tal-prezzijiet tal-ikel għall-inflazzjoni ewlenija se tonqos matul is-sentejn li ġejjin.

2.6. Il-Kummissjoni temmen li r-restrizzjonijiet fuq l-espportazzjonijiet agrikoli imposti minn ċerti pajjiżi s-sena l-oħra għamlu aktar ħsara milli għid minħabba li eliminaw is-sinjali tas-suq.

2.7. Mill-bidu tal-2006 kien hemm żieda fil-flussi tal-investment f'dawn is-swieq, kif jidher fit-total tal-kuntratti futuri pendenti miżmuma mill-parteċipanti tas-suq.

2.8. Il-Komunikazzjoni tinkludi tabella li telenka l-prattiki li qed joħlqu tħassib mil-lat ta' kompetizzjoni, kif ġej:

- kartelli
- ftehimiet ta' xiri
- żamma tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid
- immarkar uniku
- prodotti b'tikketta tad-distributuri
- xiri abbinat
- ftehimiet esklużivi ta' provvista
- skemi ta' ċertifikazzjoni

2.9. Fuq il-bażi tal-analiżi tagħha, il-Kummissjoni qed tipproponi pjan ta' direzzjoni sabiex jitjeb il-funzjonament tal-katina ta' provvista tal-ikel, li jikkonsisti ferba' komponenti ewlenin.

2.10. Il-Kummissjoni qed tispera li r-rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agroalimentari, imwaqqaf fir-rebbiegħa tal-2008, jgħinu sabiex il-katina tal-provvista tal-ikel ittejjeb il-kompetittività tagħha.

2.11. Sabiex tindirizza l-prattiki potenzjali ta' antikompetittività li ġew identifikati bħala tħassib fil-Kapitolu 4, il-Kummissjoni, fil-kuntest tan-Netzwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni, se tissokta djalogu sostnut mal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni, biex tiżgura l-infurzar koerenti u kkoordinat sewwa tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-UE kollha, għall-benefiċċju tal-konsumaturi Ewropew.

2.12. B'konnessjoni mar-reviżjoni flivell nazzjonali u/jew f'dak tal-UE ta' regolamenti li ġew identifikati bħala potenzjalment problematiċi għall-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel, il-Komunikazzjoni ssemmi r-regoli u l-prattiki li ġejjin:

- ir-regolamenti li jillimitaw id-dħul ta' kumpaniji ġodda fis-suq.
- ir-regolamenti li jillimitaw il-kapaċità tan-negozji li jikkompetu fuq il-prezzijiet. dawn għandhom jiġu eżaminati.
- il-prattiki li jxekklu r-relazzjoni bejn il-fornituri u l-bejjiegħa bl-imnut; dawn għandhom jiġu skoraġġuti.

2.13. Il-Kummissjoni se teżamina flimkien mar-regolaturi tas-swieq tal-komoditajiet u f'kuntatt mill-qrib ma' awtoritajiet regolatorji oħra li mhumiex tal-UE (b'mod partikolari l-Istati Uniti fejn iseħħu l-aktar skambji importanti), liema miżuri jistgħu jittieħdu biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq tal-komoditajiet agrikoli.

2.14. Fuq il-bażi ta' dan il-programm ta' ħidma u tal-miżuri relatati, il-Kummissjoni se teżamina l-possibbiltà li tittieħed azzjoni ulterjuri u tipproponi li l-Kunsill Ewropew jeżamina mill-ġdid din il-kwistjoni f'Diċembru 2009.

3. Kummenti Ġenerali

3.1. Il-fatturi strutturali li kkawżaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli ser jibqgħu preżenti tul it-terminu medju; madankollu, il-bidliet matul dawn l-aħħar sentejn juri li s-suq għall-prodotti agrikoli se jkollu jirrikonċilja mal-prezzijiet li dejjem qed isiru aktar volatili. Il-kriżi ekonomika attwali sempliċiment għamlet fit ħsara lit-tkabbir fid-domanda fis-swieq globali, u bħala riżultat ta' dan fi kwalunkwe ħin nistgħu nerġġhu naraw ripetizzjoni tal-proċessi li bdew f'nofs l-2007, u s-swieq agrikoli qed isiru dejjem anqas prevedibbli. Barra minn hekk, mhux jidher possibbli li jsir aġġustament għad-domanda kkawżata mill-manipulazzjoni spekulattiva tal-prezzijiet – li ma tirriflettix id-domanda reali – peress li dan jirrikjedi livell ta' flessibbiltà inkompatibbli mal-karatteristiċi u l-potenzjal tal-produzzjoni agrikola.

3.2. L-Unjoni Ewropea hija konxja li l-bidliet fil-prezzijiet agrikoli jaffettwaw mhux biss is-settur agrikolu kollu, iżda wkoll – permezz tal-prezzijiet tal-ikel – lill-konsumaturi kollha. Bidliet kbar u f'daqqa jfissru li għandna bżonn neżaminaw mill-ġdid il-pożizzjoni tas-settur agrikolu tal-UE. Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agroalimentari huwa forum xieraq biex isir dan. F'dan il-kuntest għandna niċċaraw: (1) il-futur agrikolu tal-UE; (2) il-pożizzjoni futura tal-agrikoltura fil-politiki tal-UE; għandna nikkunsidraw ukoll (3) kif għandna nittrattaw il-konsegwenzi tal-ftuħ tas-swieq; u (4) kif għandna nikkoreġu l-iżbilanċi fir-relazzjonijiet fil-katina tal-provvista tal-ikel.

3.3. Għalkemm għadu ma sar l-ebda progress biex tiġi żviluppata l-ispeċjalizzazzjoni territorjali fi ħdan l-UE minn mindu għet immedija l-PAK, hemm sinjali ċari ta' dan il-fenomeni fis-swieq internazzjonali. Minħabba l-ftuħ gradwali tas-swieq tal-UE għall-prodotti minn pajjiżi terzi, il-produtturi agrikoli tal-UE qed jiġu sfurzati jikkompetu fuq bażi inugwali. Bħala riżultat ta' dan, il-produtturi Ewropej se jrin lura fis-swieq. Fit-terminu medju, dan l-iżvilupp jista' jhedded serjament l-ekonomija rurali fl-Ewropa. Minħabba dan l-UE tista' biss tfitteq li tikseb politika kummerċjali miftuħa jekk jibqa' jkun hemm forom varji ta' appoġġ finanzjarju għall-produtturi agrikoli u jekk dawn jibqgħu jipprovdu inċentivi biżżejjed biex jinżammu l-livell tal-produzzjoni.

4. Kummmenti Speċifiċi

4.1. L-iżviluppi fil-prezzijiet tal-ikel u tal-komoditajiet agrikoli

4.1.1. Fil-perijodu ta' wara l-kriżi, iż-żieda fid-domanda għall-prodotti agrikoli probabbilment se terġa' taqbeż iż-żieda fil-provvista. Bħala riżultat ta' dan, dawn il-prodotti x'aktarx se jergħu jiġu meqjusa bħala attraenti għall-kapital ta' riskju. Dan jista' jwassal għal bidliet simili għal dawk li ġew esperjenzati matul dawn l-aħħar sentejn, jekk varjazzjonijiet fil-prezzijiet agrikoli jiġ-ġeneraw profitti oġhla minn dawk offruti minn kostruzzjonijiet finanzjarji oħra tas-suq. Minħabba l-kundizzjonijiet ekonomiċi ta' wara l-kriżi, il-possibiltajiet li jiġri dan huma inqas minn dawk tal-2007. Madankollu, fit-terminu medju għandna bżonn nippreparaw għal volatilità kontinwa tal-prezzijiet.

4.1.2. Kif enfasizza l-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tas-26 ta' Marzu 2009 (2008/2175(INI)), sehem iċken tal-prezzijiet tal-ikel bl-immnut imur għall-produtturi agrikoli u proċessuri tal-ikel. Minħabba dan, huwa ċar li l-bidliet fil-prezzijiet fil-bidu tal-katina tal-provvista se jkollhom biss impatt limitat u tard fuq il-prezzijiet bl-immnut.

Iż-żieda fil-prezzijiet bl-immnut tal-ikel taffettwa b'mod partikulari lil dawk li jonfqu parti kbira mid-dħul tagħhom f'ikel. Dan il-fenomeni huwa korrelat mill-viċin mal-livell tal-iżvilupp ekonomiku f'pajjiż partikulari, hu din hija r-raġuni għalfejn il-prezzijiet tal-ikel li qed jiżdiedu għandhom l-akbar impatt fuq l-inflazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda tal-UE. F'dawn il-pajjiżi li għandhom dħul baxx, l-ikel jista' jkun sa bejn 40-50 % min-nefqa totali tal-familja.

4.1.3. Fil-ftit snin li ġejjin, il-prezzijiet tal-ikel x'aktarx ser jibqgħu 'il fuq mill-medja tal-perijodu 2002-2006, iżda l-isfel mill-livelli tal-aħħar tal-2007. Fl-istess ħin, il-prezzijiet ser jibqgħu estremament volatili. Waħda mill-bidliet mhux mixtieqa li rriżultat minn dawn l-aħħar sentejn hija li l-prezzijiet saru aktar sensitivi għall-informazzjoni tas-suq. Minħabba li x'aktarx ser naraw żieda fl-informazzjoni kemm dwar il-fatturi min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda, se jkompli jkun hemm ċaqliq fil-prezzijiet. Ix-xandir għandu rwol importanti hawnhekk ukoll, peress li xandir effettiv jagħti lis-swieq informazzjoni immedjata dwar dak kollu li qed jiġri fid-dinja.

4.1.4. Il-produtturi agrikoli tal-UE għandhom ikunu ppreparati sabiex jissodisfaw domanda, li qed tikber b'mod kostanti, għall-ikel. Għandhom jittejjbu kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità tal-produzzjoni agrikola tal-UE. Madankollu, il-PAK għandha responsabbiltà sinifikanti sabiex tiżgura li l-ftuħ gradwali tas-swieq tal-UE ma jipperikolax il-kompetittività tas-setturi

agroalimentari Ewropej. L-UE teħtieġ strateġija fit-tul għall-agrikultura li tiddefinixxi sa fejn il-Komunità għandha timmira għall-awtosuffiċenza fil-provvisti ta' varji prodotti. Madankollu, irridu naċċettaw li fit-terminu medju l-UE ser teħtieġ li timporta bosta prodotti.

4.2. Ir-rwol ta' spekulazzjoni fil-prezzijiet tal-komoditajiet tal-ikel

4.2.1. L-ammont ta' kapital minn bosta fondi ta' pensjoni, fondi ta' investiment u fondi sovrani fis-swieq finanzjarji internazzjonali qed jikber b'mod kostanti permezz ta' tpartit, banek u konglomerati multinazzjonali. Minħabba d-daqs tagħhom, dawn tal-aħħar għandhom influwenza konsiderevoli fuq is-swieq fejn joperaw. Peress li ma rnexxilhomx jiksbu profitti sodisfaċenti minn investimenti konvenzjonali, dawn daru għas-swieq tal-komoditajiet.

4.2.2. Minħabba n-natura spekulattiva tal-investimenti ta' riskju għoli, dawn għandhom impatt fuq il-prezzijiet fuq medda qasira ta' żmien sena iżda mhux fuq medda twila ta' żmien. L-agrikultura teħtieġ tikkunsidra dan l-iżvilupp kif ukoll l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji b'mod ġenerali. Il-prodotti fis-swieq finanzjarji li jirriżultaw f'bidliet sinifikanti fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli u li ma jirriflettux il-flussi veri tal-prodott għandhom influwenza sfavorevoli fuq il-movimenti tal-prezz fis-swieq fiżiċi.

4.3. Il-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel

4.3.1. Kif turi wkoll il-Kummissjoni fid-Dokument ta' Ħidma tagħha dwar dan is-suġġett (SEC(2008) 2972), hemm korrelazzjoni mill-viċin bejn l-avvenimenti fis-swieq agrikoli tul dawn l-aħħar sentejn u t-tfixkil għall-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel. Id-distribuzzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli tul il-katina tal-provvista jirriflettu mill-viċin il-kapaċità ta' kull ħolqa fil-katina biex tiddefendi l-interessi proprji.

4.3.2. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni li beħsiebhom jevalwaw l-effett ta' antikompetittività tal-proċess ta' konsolidazzjoni fil-katina tal-provvista tal-ikel jafu jsibu ruħhom f'pożizzjoni diffiċli mhux ħażin. Huwa importanti li jiġu indirizzati l-prattiki antikompetittivi u l-problemi relatati mal-liġi tal-kompetizzjoni li jinjalghu f'każi partikolari bejn il-fornituri tal-ikel agroalimentari u l-fażijiet ta' skambju kummerċjali tal-katina tal-produzzjoni, kif sostniet il-Kummissjoni, sabiex il-kundizzjonijiet jiġu verament adattati għas-sitwazzjoni ekonomika u tas-suq. Kif saħqet il-Kummissjoni, jeħtieġ jiġi żgurat li r-regoli tal-kompetizzjoni jiġu implimentati b'mod koerenti u koordinat madwar l-UE kollha. Il-katina tal-provvista tal-ikel hija fframmentata biżżejjex biex tiżgura li t-transazzjonijiet individwali ma jidhrux li għandhom impatt antikompetittiv mill-perspettiva tas-suq uniku. Il-prattiki diskussi fid-dokument juru li għal pajjiż u prodott partikulari, livell speċifiku ta' konċentrazzjoni jista' jkollu effett serju ta' antikompetittività. L-emerġenza ta' kapaċitajiet ta' pproċessar li, jekk hemm ekonomiji ta' skala, jistgħu jiksbu pożizzjoni

dominanti f'suq ta' prodott partikulari, jistgħu jnaqqsu l-għażla tal-konsumatur u jimbuttaw l-intrapriża żgħira u medja 'l barra mis-suq. Dan qed jiġri minn meta prodotti b'tikketta tad-distributuri bdew jeżerċitaw influwenza sinifikanti. Fl-istess ħin, id-dominanza attwali tal-kompetittività tal-prezzijiet fil-politiki kummerċjali tal-kumpaniji tista' tirriżulta fi prodotti ta' valur nutrittiv aktar baxx. Għalkemm il-livell tas-sikurezza tal-ikel qed jogħla, is-sostituzzjoni tal-ingredjenti naturali minn dawk artifiċjali ta' valur nutrittiv aktar baxx ifisser li l-prodotti tal-ikel iktar mhux qed jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-konsumaturi għal nutrizzjoni ta' kwalità għolja.

4.3.3. Nissuġġerixxu li jiżiedu l-metodi ta' rimbors użati minn bejjieġha kbar bl-imnut mal-lista tal-prattiki antikompetittivi mniżżla fit-Tabella 1. Dawn il-metodi jippermettu li jiġu sseparati, minn naħa, il-prezzijiet tal-fornituri u l-ispejjeż reali, u min-naħa l-oħra l-prezzijiet imħallsa mill-bejjieġha bl-imnut u l-konsumaturi. Bħala riżultat ta' dan, il-prezzijiet ta' referenza jiġu stabbiliti fl-ivell wisq baxxi biex ikunu realistiċi, ħafna iktar baxxi minn dak li jista' jinkiseb permezz ta' effiċjenza miżjuda. Prattiki antikompetittivi bħalma huma l-kartelli u l-ftehimiet esklużivi ta' provvista huma ovvjament inaċċettabli, bħalma huwa l-użu ta' pożizzjoni dominanti sabiex jiġu imposti kundizzjonijiet unilaterali fuq il-fornituri. Fl-istess ħin, din it-teknika ta' marġni ta' profitt doppju – il-bejjieġha bl-imnut igawdu minn marġni konsiderevoli ta' profitt mhux biss minn fuq ix-xerrejja iżda anki minn fuq il-fornituri, minħabba r-imborsi – jaħbi l-marġni tal-profitt kummerċjali, u jgħin biex jgħawwēg id-distribuzzjoni tad-dħul mill-katina tal-provvista tal-ikel. Din hija Prattika antikompetittiva peress li tirrikjedi li l-fornituri jadattaw għal prezz li għandu f'it li xejn relazzjoni mal-ispejjeż tal-produzzjoni.

4.3.4. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mat-tħassib li semmiet il-Kummissjoni dwar ċerti Prattiki antikompetittivi li jistgħu jalteraw il-funzjonament tal-katina tal-ikel. F'dan il-kuntest jidher biċ-ċar li l-iżbilanċ tal-poter bejn il-produtturi, il-proċessuri u l-bejjieġha bl-imnut jeħtieġ li jingħata aktar attenzjoni. Il-konċentrazzjoni tal-poter minn isfel għal fuq tqiegħed lill-bejjieġha bl-imnut f'pożizzjoni dominanti fir-rigward tal-produtturi u l-proċessuri, li tippermetti Prattiki abbużivi mhux mixtieqa. Minħabba dan, l-approċċ tagħna għal benessri tal-konsumatur m'għandux jiffoka biss fuq il-kisba ta' prezzijiet iktar baxxi fi żmien qasir, iżda fuq medda twila ta' żmien ukoll, filwaqt li jiġu kkunsidrati kemm l-effetti diretti kif ukoll dawk indiretti, sabiex jiġu evitati diffikultajiet finanzjarji għall-fornituri, nuqqas ta' innovazzjoni, għażla mnaqqsa, kif ukoll – fuq medda twila ta' żmien – prezzijiet oġhla.

5. Pjan ta' direzzjoni biex jitjeb il-funzjonament tal-katina ta' provvista

5.1. Li tkun żgurata distribuzzjoni tajba tal-qligħ f'kull stadju tal-katina tal-ikel huwa kompitu kumpless ħafna, u ħafna mill-aspetti ta' dan jirrikjedu interferenza estensiva fil-proċessi tas-suq. Madankollu, dawn il-miżuri huma indispensabbli sabiex jippermettu li l-prodotti tal-ikel Ewropej itejbu l-kompetittività tagħhom fuq bażi reali.

5.1.1. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tqiegħed it-trasparenza fis-suq. Dejjem se jkun utli li jkun hemm fehim aħjar ta' kif jaħdem is-suq u tar-rwol li għandhom l-elementi differenti tal-katina. Huwa importanti ħafna li ssir analiżi ddetaljata ta' din il-katina sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jieħdu miżuri

xierqa fejn ikun meħtieġ jekk ikun hemm nuqqasijiet jew tfixkil fil-katina. Għalhekk il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proċedura ta' azzjoni proposta mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha u ser jikkoopera bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tagħha.

Madankollu, il-Kummissjoni għandha żżomm f'moħħha li l-kundizzjonijiet ivarjaw minn settur għall-ieħor u anki minn pajjiż għall-ieħor, u għalhekk il-fatturi li jiddeterminaw il-prezzijiet huma differenti, u huma dinamiċi u mhux statiċi.

L-isforzi kollha tal-Kummissjoni sabiex tfassal u twaqqaf strument permanenti għall-monitoraġġ tal-prezzijiet tal-ikel u d-distribuzzjoni tad-dħul tul il-katina għandhom ikunu bbażati fuq dawn il-fatti, u r-riżultati ta' dan għandhom jiġu meqjusa bħala referenza aktar milli bħala veritá infallibbli.

5.1.2. Il-katina tal-provvista tal-ikel tista' ssir aktar kompetittiva biss jekk ikun hemm kooperazzjoni sinifikanti aktar mill-viċin mal-katina. Proprjament, it-terminu "katina" jissuġġerixxi li kull ħolqa tikkoopera biss mal-ħoloq li jmissu magħha direttament, mentri l-effiċjenza vera tista' tiġi żgurata biss jekk dawn jaħdmu kollha flimkien fl-interess komuni. Jekk verament nemmnu li l-ħtiġijiet tal-konsumaturi, permezz tal-prodotti, għandhom jid-determinaw il-kundizzjonijiet li fihom tiffunzjoni l-katina tal-provvista tal-ikel, dawk fil-katina għandhom jimpenjaw ruħhom f'riflessjoni serja.

5.1.3. L-Unjoni Ewropea għandha taċċetta l-fatt li ħafna mill-fatturi diskussi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma jistgħux jiġu ttrattati permezz ta' miżuri tal-politika tal-kompetizzjoni. L-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-kompetizzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni huma effettivi biss biex jittrattaw każijiet konvenzjonali ta' Prattiki antikompetittivi (bħalma huma l-kartelli u r-reklami qarrieqa). L-esperjenza turi li l-liġi tal-kompetizzjoni mhijiex mezz adegwat biex tittratta s-sitwazzjonijiet elenkati fit-Tabella 1, minħabba l-interdipendenza kumplessa ta' dawk involuti. L-influwenza ta' ċerti ktajjen ta' bejjieġha bl-imnut fis-suq ma tiġġustifikax reazzjoni mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fil-livell Komunitarju; madankollu, huwa sinifikanti li mill-perspettiva ta' fornituri, id-dipendenza fuq bejjieġha bl-imnut u ċentri ta' xiri individwali saret fattur deċiżiv għas-sopravivenza tagħhom fis-suq. Bħala riżultat ta' dan, il-kooperazzjoni bejn il-bejjieġha bl-imnut u l-fornituri qed tkun min-naħa waħda biss.

Fl-istess ħin, sanzjonijiet iktar iebesin taħt il-liġi tal-kompetizzjoni jistgħu jiskoraġġixxu b'mod effettiv dawk il-prattiki fejn jiġu mqarrqa l-konsumaturi.

Tul il-ftit snin li ġejjin se tkompli l-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-protezzjoni tal-konsumatur. Dan għandu x'jaqşam mal-kwalità tal-prodotti tal-ikel li jaslu fis-suq uniku minn pajjiżi terzi minħabba swieq aktar miftuħa, u mal-kundizzjonijiet li fihom il-prodotti tal-ikel qed jiġu prodotti. Fost affarijiet oħra, iż-żieda fl-importazzjonijiet tirrifletti attenzjoni fuq il-prezzijiet u fuq inqas ħlas għall-ikel. Madankollu, dan imur id f'id mar-riskji miżjuda f'termini ta' sikurezza tal-ikel u protezzjoni tal-konsumatur aktar baxxi, minħabba li bosta importazzjonijiet jaslu minn reġjuni fejn il-kultura tal-produzzjoni tal-ikel hija fl-ivell aktar baxx minn dak tal-Ewropa.

5.1.4. Ma tantx hemm skop għal interferenza fil-politiki kummerċjali tal-bejjiegħa bl-innut. Madankollu, għandna nidentifikaw il-passi possibbli kollha li jippermettu bidla fl-attenzjoni tal-politiki kummerċjali tal-bejjiegħa bl-innut il-kbar minn dik fuq it-tnaqqis tal-prezzijiet (jew f'ċerti każijiet, il-kisba tal-iktar prezz baxx). Din l-attenzjoni hija responsabbli għad-distribuzzjoni żbilanċjata attwali tad-dħul fil-katina tal-provvista tal-ikel, u taf-fettwa wkoll l-attitudnijiet tal-konsumaturi.

5.1.5. L-Unjoni Ewropea tista' taġixxi biss b'mod effettiv biex tikkoreġi funzjonament ħażin fil-katina tal-provvista tal-ikel u biex tagħmilha aktar effiċjenti jekk din tkun tista' tibbaża fuq l-informazzjoni mitluba. Kompitu importanti ieħor tal-UE huwa li titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi Ewropej sabiex dawn ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati. Il-konsumaturi huma ċ-ċavetta għas-sopravivenza u l-iżvilupp sostenibbli tal-agrikoltura u l-industrija tal-ikel Ewropea. Il-konoxxenza tal-konsumatur fl-Ewropa tista' tgħin sabiex jitqiegħed fil-prattika wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Komunità, il-preferenza għall-prodotti Komunitarji – prinċipju li inevitabilment ġie mwarrab waqt in-negozjati tal-GATT u d-WTO.

Meta nkunu qed niżviluppaw strument ta' monitoraġġ, għandna ninkorporaw inċentivi għall-operaturi tas-suq sabiex dawn jip-provdu informazzjoni ta' min joqgħod fuqha fis-sistema.

Brussell, 5 ta' Novembru 2009.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

Pereżempju, dan jista' jinvolvi spezzjonijiet fiskali, eżenzjonijiet fiskali u sussidji. Li tkun żgurata t-trasparenza fuq bażi volontorja mhijiex għażla reali.

5.1.6. Sabiex jittaffew l-effetti negattivi tal-ispekulazzjoni, għandna nikkunsidraw il-possibbiltà li jittieħdu passi regolatorji sabiex jiġi żgurat li huma permessi biss dawk it-transazzjonijiet fil-Boroż li jkunu sostnuti minn garanziji veri fi prodotti, minflok il-prattiki attwali tas-suq li jippermetti flussi limitati ħafna ta' prodotti biex jeżerċitaw influwenza konsiderevoli fuq il-prezzijiet tas-suq, u dan jiġi tradott f'bidliet tal-prezzijiet fis-suq fiżiku.

5.1.7. Ktajjen iqsar tal-provvista tal-ikel

It-tnaqqis tan-numru ta' intermedjarji bejn il-produtturi agrikoli u l-konsumaturi jista' jgħin sabiex il-katina tiffunzjona b'mod aktar effettiv. Wara l-eżempju tal-programmi biex jitqassmu l-ħalib u l-frott lit-tfal tal-iskola, jistgħu jitħeġġu r-relazzjonijiet bejn il-produtturi u l-konsumaturi. Wieħed mill-aktar modi ovvji kif jista' jsir dan huwa li jitħeġġu s-swieq tradizzjonali tal-bdiewa. Dan jgħin biex jiġu kkonservati l-istili tal-ħajja rurali u biex farms żgħar u medji jibqgħu fin-negozju, apparti li jinħoloq għadd ta' benefiċċji oħra.